MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 904/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMUND CUSCHIERI**

**KONTRA**

**MARLON MANGION**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marlon Mangion ta’ 25 sena, bin John u Theresa nee’ Galea, imwieled Pieta, nhar it- 30 ta’ Settembru 1982 residenti fil- fond 174, Jomantess, Vjal it- Torri, Gudja, u detentur tal- karta tal- identita’ bin- numru 533482 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar is- 16 ta' Awwissu 2008 ghall- habta ta' 08.15pm, f'San Pawl il- Bahar hu minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' Natalina Smith f'perikolu car, ikkaguna feriti gravi fuq il- persna ta' Natalina Smith u dan skond kif iccertifika Dr. A. Cassar mill- Isptar Mater Dei;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- kwiet u l- paci pubbliku b'ghajjat, storbju u jew b'kwalunkwe mod iehor.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi d-difiza issollevat l-eccezzjoni ta' neb is in idem;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta kontra l-imputat datata 26 ta' Novembru, 208, li kopja informi giet esebita ukoll fl-atti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti giet infurmata li l-imputat kien diga' tressaq il-Qorti fuq l-istess fatt, u l-kaz kien ghadda in gudikat. Il-Qorti rat dik is-sentenza, u jirrizulta car li hemm indikati l-istess data ta' incident, l-istess hin, u l-istess fatti, b'imputazzjonijiet ftit differenti. Issa l-gurisprudenza taghna ormai kopjuza tirretjeni li l-ebda persuna ma tista' tghaddi proceduri doppji ghall-istess fatt. M'huwiex necessarju li t-tahrika u l-imputazzjonijiet ikunu identici. Li hu necessarju hu li l-fatt li tieghu ikun qed iwiegeb ghalih l-imputat ikun l-istess wiehed, bhal ma gara fil-kaz in esami.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 214, 216, 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tilqa' l-eccezzjoni tl-imputat ta' neb is in idem;

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------